MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 194/2008

**L-Avukati Dottor Michael Grech u George Hyzler bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Unilever plc ta' Port Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit**

**vs**

**L-Avukat Dr.Anthony Cutajar LL.D. u P.L. Mario Mifsud Bonnici nominati b'digriet tas 17 ta' Marzu 2008 bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Al Rowad Shipping Agency (a/c North Africa Shipping) b'indirizz ta' Jamal Abdul Nasser Street, Benghazi, Libya**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-Avukati Dottor Michael Grech u George Hyzler bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Unilever plc ta' Port Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit fejn issottomettew:

1. Illi s-socjeta attrici Unilever plc ta' Port Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit, hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji "DOVE", "LIFEBUOY", "SUNSILK" u "LUX", liema markji huma wzati mis-socjeta' attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal sapun, *body washes*, *shampoos*, *moisturising creams* u *exfoliating creams* u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B","C", "D", "E", "F", "G" u "H";

2. Illi s-socjeta attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali ta' l-istess markji "DOVE", "LIFEBUOY", "SUNSILK" u "LUX" fil-komplessita taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No 18163*, *Trademark No 24930* (Dok "A"), *Trademark No 34642* (Dok "B"), *Trademark No 34643* (Dok "C"), *Trademark No 37118* (Dok "D"), *Trademark No 37119* (Dok "E"), *Trademark No 14200* (Dok "F"), *Trademark No 14201* (Dok "G"), u *Trademark No 13750* (Dok "H") u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liem markji huma wkoll irregistrati bhala *Trademark* Komunitarja mal-"Office for Harmonization in the Internal Market" ta' l-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht in-numri 04248738, 004888707, 004329967, 004315826 u 002556967;

3. Illi jirrizulta illi fit-26 ta' Jannar 2008 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "CMA CGM LOTUS", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' prodotti li jgibu l-marjku "DOVE", "LIFEBUOY", "SUNSILK" u "LUX" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti; (i) disat elef tmien mija u erbghin (9,840) pakett *body wash,* (ii) erbatax-il elf u erba' mitt (14,400) sapuna, (iii) elfejn u erba' mitt (2,400) flixkun *shampoo*, (iv) dsatax-il elf u

mitejn (19,200) sapuna, (v) elf mija u tnejn u hamsin (1,152) flixkun *shower cream*, (vi) mitejn tmien mija u tmenin (2,880) vazett *hair cream*, (vii) tmien mija u tmienja u tmenin (888) flixkun *shower gel* b'*Container* Numru CLHU 8603260 u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru SZ1397162 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti in kwistjoni huma ndikati bhala Al Rowad Shipping Agency, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Ningbo Chiao Feng Shipping Co. Ltd.;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attici skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap 414, li favur taghha huma rregistrati l-markju "DOVE, "LIFEBUOY", "SUNSILK" u "LUX" u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-istess Kap 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attirici skond l-Artiklu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' proprjeta' intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif jirrizulta minn analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta' attrici;

7. Illi din il-konsenja ta' prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista'

jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta' l-applikazzjonijiet immarkati bhala Dok 'I').

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artiklu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414;

2. tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) disat elef tmien mija u erbghin (9,840) pakett *body wash,* (ii) erbatax-il elf u erba' mitt (14,400) sapuna, (iii) elfejn u erba' mitt (2,400) flixkun *shampoo*, (iv) dsatax-il elf u mitejn (19,200) sapuna, (v) elf mija u tnejn u hamsin (1,152) flixkun *shower cream*, (vi) mitejn tmien mija u tmenin (2,880) vazett *hair cream*, (vii) tmien mija u tmienja u tmenin (888) flixkun *shower gel* b'*Container* Numru CLHU 8603260, da parti tas-socjeta' konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici in kwantu li m'humiex genwini, skond l-Artiklu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artiklu 4 ta' l-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta attrici bin-numri 18163, 24930, 34642, 34643, 37118, 37119 14200, 14201 u 13750 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artiklu 21(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta attrici bin-Numri 18163, 24930, 34642, 34643, 37118, 37119 14200, 14201 u 13750 fir-Registru

tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademark* Komunitarju Numru 04248738 registrat f'isem is-socjeta' attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja);

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu il-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

5. tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Ntellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta' attrici;

6. tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-trmini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata ingiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi noe;

Rat ir-risposta ta' l-intimati kuraturi a fol. 59 u l-ittra minnhom ezibita;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet l-Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-dokumenti prodotti mar-rikors guramentat;

Dok. “A” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 24930 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta.
Dok. “B” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 34642 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta.
Dok. “C” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 34643 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta;
Dok. “D” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 37118 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta;
Dok. “E” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 37119 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta;
Dok. “F” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 14200 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta;
Dok. “G” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 14201 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta;
Dok. “H” Kopja tac-certifikat ta’ registrazzjoni tat-Trademark No. 13750 mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta;
Dok “I” Kopja tal-applikazzjonijiet bil-miktub tas-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex il-konsenja in kwistjoni setghet tigi maqbuda mill-istess Kontrollur skond it-termini tal-Kap 414.
Dok “J” Kopja ta' prokura specjali mahruga mis-socjeta' attrici favur l-Avukati Dottor George Hyzler u Dottor Michael Grech tal-ufficju legali Grech Vella Tortell & Hyzler Advocates, u fosthom l-atturi nomine, biex jinhatru prokuraturi specjali.
Ir-rapporti ta’ l-analizi li saru fuq diversi kampjuni;
Affidavit ta’ Asmus Wolf; Rolf Bunge; Steve Beale; Len Davies;Aly Abbas u ta’ l-ispettur tad-Dwana George Agius dwar il-konsenja mmarkata MG11.

**Tikkunsidra**

Illi mill provi prodotti jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrent huma gustifikati u dawn b'ebda mod ma gew kontradetti jew kontestati.

L-azzjoni tar-rikorrent noe hi bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

Illi in vista tal provi prodotti tiddeciedi:

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa'
t-talbiet tar-rikorrent,
Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata,
l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu provisorjament mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------